# Kalendarju tar-Randan 2024



| It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt | Il-Ħadd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Isem:**<br>**Parroċċa:** | | **14 ta’ Frar**<br>Ħu sehem f’quddiesa ta’ Ras ir-Randan | **15 ta’ Frar**<br>Iddeċiedi s-sagrifiċċju li se tkun qed tagħmel | **16 ta’ Frar**<br>Żejjen kaxxa żgħira fejn se titfa’ xi ħaġa tal-flus għall-fqar | **17 ta’ Frar**<br>Itlob lill- Madonna tgħinek f’dan ir-Randan | **18 ta’ Frar**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Ħadd mal-familja |
| **19 ta’ Frar**<br>Arma xbieha - Kurċifiss/Statwa - marbuta ma’ dan iż-żmien f’post ċentrali d-dar | **20 ta’ Frar**<br>Għin lill-ġenituri d-dar eż. ixxotta l-platti | **21 ta’ Frar**<br>Itlob għall-morda kollha u għat-tobba u l-infermiera! | **22 ta’ Frar**<br>Naqqas ftit mill-ħin tal-logħob | **23 ta’ Frar**<br>Ixrob ilma biss! | **24 ta’ Frar**<br>Sib ftit ħin u aqra silta mill-Bibbja tat-tfal | **25 ta’ Frar**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Ħadd mal-familja |
| **26 ta’ Frar**<br>Għid ‘Grazzi’ lill-ġenituri tiegħek – għannaqhom miegħek | **27 ta’ Frar**<br>Ċempel lin-nanniet u għaddi ftit ħin titkellem magħhom | **28 ta’ Frar**<br>Ħares lejn il-Kurċifiss u għid lil Ġesù – ‘Inħobbok’ | **29 ta’ Frar**<br>Itlob għal ħutek jew ħbieb tiegħek | **1 ta’ Marzu**<br>Illum tikolx ħelu/ċikkulata! | **2 ta’ Marzu**<br>Mal-ġenituri fittex xi storja ta’ xi qaddis u aqrawha flimkien | **3 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Ħadd mal-familja |
| **4 ta’ Marzu**<br>Itlob għas-saċerdoti tal-parroċċa | **5 ta’ Marzu**<br>Agħmel il-homework kif tasal id-dar mal-ewwel | **6 ta’ Marzu**<br>Ħares lejn il-Kurċifiss u għid lil Ġesù – ‘Berikni’ | **7 ta’ Marzu**<br>Għin lill-ġenituri d-dar | **8 ta’ Marzu**<br>Illum naqqas mill-ħin quddiem screen – tablet, tv, pc! | **9 ta’ Marzu**<br>Aqra silta oħra mill-Bibbja tat-tfal | **10 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Ħadd mal-familja |
| **11 ta’ Marzu**<br>Kul dak li jippreparawlek mingħajr tgergir | **12 ta’ Marzu**<br>Għid ‘Grazzi’ lil Ġesù tal-ħwejjeġ li għandek | **13 ta’ Marzu**<br>Itlob għat-tfal li qed ibatu minħabba l-gwerra | **14 ta’ Marzu**<br>L-iskola kellem lil xi ħadd fil-klassi li ma tantx tkellem | **15 ta’ Marzu**<br>Ftakar twarrab xi ħaġa għall-karus tal-foqra! | **16 ta’ Marzu**<br>Kun kreattiv u prepara l-kartolini tal-Għid | **17 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Ħadd mal-familja |
| **18 ta’ Marzu**<br>Jekk joqogħdu viċin, żur in-nanniet jew familjari anzjani | **19 ta’ Marzu**<br>Fil-festa ta’ San Ġużepp, nitolbu għall-missirijiet | **20 ta’ Marzu**<br>Għid ‘Grazzi’ lil Ġesù tal-għalliema u itlob għalihom | **21 ta’ Marzu**<br>Għin fit-tiwi tal-ħwejjeġ u pinġi x-xbieha tad-Duluri | **22 ta’ Marzu**<br>Ħu sehem fil-purċissjoni tad-Duluri | **23 ta’ Marzu**<br>Agħtu xi affarijiet tal-ikel għall-familji fil-bżonn | **24 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Ħadd mal-familja |
| **25 ta’ Marzu**<br>Poġġi l-palma/werqa taż-żebbuġ f’post prominenti u pinġi l-istampa tal-Ġimgħa Mqaddsa | **26 ta’ Marzu**<br>Itlob il-Via Sagra tat-tfal mal-familja | **27 ta’ Marzu**<br>Oqgħod ftit quddiem il-Kurċifiss fis-skiet, tkellem ma’ Ġesù | **28 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-funzjoni ta’ Ħamis ix-Xirka | **29 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | **30 ta’ Marzu**<br>Nitolbu lil Madonna fis-skiet | **31 ta’ Marzu**<br>Attendi għall-quddiesa tal-Għid mal-familja – Ifraħ ma’ Ġesù Rxoxt |




# loop.mt



**Every little bit counts, your donation can go a long way**

## loop.mt/donate



**Join our team of volunteers and make your time count**

## loop.mt/join

LOOP
ethical & enviro friendly clothes shop & laundry

IL-KĊINA TA' MARTA
GĦAX JIEN KONT BIL-ĠUĦ U TMAJTUNI (MT 25:35)

**LOOP Djakonija Parroċċi**
courses for djakonija operators and volunteers with the Pastoral Formation Institute

**pfi.edu.mt**



This course will explore the roots of Diakonia in; Sacred Scripture and early Christian communities. Participants will have the opportunity to explore the relationship between Diakonia, faith and prayer whilst delving into key areas of Catholic Social Teaching. Participants will also examine the evolution of Diakonia in Malta and learn about available services.




**Solidarity meals** are the meals that my friend Marta prepares with the help of many volunteers! **Every year Marta's Kitchen cooks and donates 50,000 meals.** Besides helping Marta with cooking, other volunteers help Marta with delivering the Solidarity Meals to the doorstep of the people who need it!
Alot of people help **Kċina ta' Marta**. Especially **The Alfred Mizzi Foundation** who are also her partners.
However Marta always need help from the community!

If you know an adult who would like to volunteer let them know they can join Marta's team on **loop.mt/join**

If you know a company that can help with food donations or a day of help as a team (CSR) they can write to us on **info@loop.mt or 79795254**

If you know someone who can help us financially they can **visit loop.mt/donate**

loop djakonija parroċċi

a social enterprise of the coordination of djakonija (services for the poor and needy) in the 70 parishes of the Archdiocese of Malta.
79795254 - 25906309
**loop.mt - info@loop.mt - djakonija.org**

**loop.mt**

# Martina

LOOPDJAKONIJAPARROĊĊI - loop.mt/martina



## Hello tfal! Kif intom?

Kif naħseb smajtu daqt jibda r-Randan. Imma dar-Randan x'ikun eżatt?

Forsi ġieli smajtu lil xi ħadd mill-ġenituri jgħid li l-karozza jmissha s- 'service'. Il-mekkanik jiċċekja l-karozza, jibdel iż-żjut tal-karozza u jekk jinduna li hemm xi ħaġa mhux f'postha jirranġaha biex hekk il-karozza terġa' taħdem b'mod tajjeb u sigur.
U hekk jista' jkun ir-Randan għalina lkoll tfal. Ikun dan il-mument tas- 'service'. Tgħiduli aħna ħa jibdlulna ż-żjut?! U żgur li le! Is- 'service' għalina jfisser li fir-Randan nikber f'tifel jew tifla aħjar kif irid minna lkoll Ġesù. U biex nagħmel dan irrid naħseb fi tlett affarijiet:



**li nitlob ftit aktar:** bħalma nkun 'looking forward' biex nkellem lill-ħbieb, hekk ukoll nsib ftit ħin ċkejken fejn nkellem lil Ġesù, għax dak hu t-talb nitkellmu ma' Ġesù – ngħidulu 'grazzi' kif ukoll nitolbuh għalina u għall-oħrajn li jkollhom bżonn it-talb tagħna



**li nagħti karità:** fir-randan naħseb ukoll fil-fqir u l-batut u għalhekk li nkunu mistednin biex jew niġbru xi ħaġa għalihom jew li nagħtu xi ħaġa milli għandna li tkun togħġobna u sabiħa (mhux nagħtihom xi ħaġa kerha u mkissra li nkun xbajt minna!) li tmur biex ngħinu lil dawn in-nies.



**li nagħmel penitenza/sagrifiċċju:** mhux bilfors ma nikolx ħelu imma jista' jkun li għandi bżonn inaqqas mill-ħin fuq it-tablet jew minn quddiem it-televixin u f'dan il-ħin nagħmel xi ħaġa għall-oħrajn bħal per eżempju ngħin lill-ġenituri. Permezz tas-sagrifiċċju nkun ukoll qed nitgħallem ngħid 'le' lili nnifsi, li jservini wkoll mela biex nitgħallem dejjem iżjed ngħid 'le' għad-dnub.

Forsi U din is-sena ħsibt li ngħinkom ftit tfal! Għandkom issibu l-kalendarju tar-Randan fejn f'kull ġurnata se jfakkarna biex nagħmlu xi ħaġa li taqbel ma' xi wieħed minn dawn il-punti li ktibtilkom. Jekk nimxu miegħu ġurnata b'ġurnata naslu biex niċċelebraw l-Għid il-Kbir ma' Ġesù u tassew nkunu nistgħu ngħidu 'Jien irrid inħobb iktar lil Ġesù'!
**Inselli għalikom tfal! Il-mixja tar-Randan it-tajba!**

*Martina*